Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14354/19

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2015/0270(COD)**
**2016/0360(COD)**
**2016/0361(COD)**
**2016/0362(COD)**
**2016/0364(COD)**
**2018/0060(COD)**
**2018/0063(COD)**

EF 341
ECOFIN 1060
CCG 27
DRS 63
CODEC 1656
JAI 1226
JUSTCIV 223
COMPET 759
EMPL 576
SOC 762
IA 205

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | It-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja<br>- Rapport ta' progress |

**It-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja – Rapport ta' progress tal-Presidenza**

I. INTRODUZZJONI

1. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan Direzzjonali biex titlesta l-Unjoni Bankarja kif adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2016 (10460/16, "Pjan Direzzjonali ta' Ġunju 2016") il-Kunsill ħadem b'mod kostruttiv għat-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja filwaqt li ssorvelja l-progress fuq it-tnaqqis tar-riskju u miżuri previsti oħra.

2. Il-progress miksub fil-Kunsill fuq it-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja ġie ppreżentat f'rapporti ta' progress imħejjija mill-Presidenza Netherlandiża (10036/16), il-Presidenza Slovakka (14841/16), il-Presidenza Maltija (9484/17), il-Presidenza Estonjana (14808/17), il-Presidenza Bulgara (9819/18), il-Presidenza Awstrijaka (14452/18) u l-Presidenza Rumena (9729/19 ADD1). Dan ir-rapportar huwa konformi mal-mandat tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-Unjoni Bankarja (AHWP) (5006/16).

3. Is-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018 approva d-deċiżjoni tal-Grupp tal-Euro fil-format inklużiv tiegħu biex jistabbilixxi Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli b'mandat biex jaħdem fuq il-passi li jmiss għal pjan direzzjonali għall-bidu ta' negozjati politiċi dwar skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS), f'konformità mal-elementi kollha tal-pjan direzzjonali tal-2016 fis-sekwenza adatta.

4. Abbażi tal-eżitu tad-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli matul l-ewwel nofs tas-sena, f'Ġunju 2019, il-Grupp tal-Euro, fil-format inklużiv tiegħu, qabel li tinħtieġ aktar ħidma teknika biex tiġi definita triq tranżitorja lejn l-Unjoni Bankarja stabbli għall-elementi rilevanti u s-sekwenzjar tagħhom, f'konformità mal-elementi kollha tal-pjan direzzjonali tal-2016. Il-Grupp tal-Euro, fil-format inklużiv tiegħu, għaldaqstant ta mandat lill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli biex ikompli din il-ħidma u jagħti rapport sa Diċembru 2019.

5. Bil-ħsieb ta' dawn l-iżviluppi, il-Presidenza Finlandiża laqqgħet l-AHWP, stabbilit fit-13 ta' Jannar 2016 (5006/16), darba matul it-tieni nofs tal-2019. Skont il-mandat tal-AHWP, l-għan kien li d-delegazzjonijiet jiġu pprovduti viżjoni koordinata tal-progress li sar f'diversi flussi ta' ħidma fir-rigward tat-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja.

6. Dan ir-Rapport ta' Progress tħejja taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza Finlandiża, wara li kkunsidrat il-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet u bil-għan li jiġu indirizzati diversi sejħiet għal rekord bil-miktub tal-progress miksub fir-rigward tal-EDIS u l-miżuri biex tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja. Dan ir-rapport ma għandux jitqies bħala vinkolanti fuq id-delegazzjonijiet peress li jikkostitwixxi l-valutazzjoni tal-Presidenza dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet li seħħew fil-laqgħat tal-AHWP; huwa maħsub biex jipprovdi kontinwità u jiffaċilita l-kompitu tal-Presidenza li jmiss.

## II. PROPOSTA TAL-EDIS

7. Minħabba d-diskussjonijiet li għaddejjin fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli, il-ħidma teknika fl-AHWP iffokat fuq il-provvediment ta' kontinwità u l-faċilitazzjoni ta' aktar deliberazzjonijiet possibbli, bil-ħsieb ta' pjan direzzjonali mtejjeb li għandu jintlaħaq qbil dwaru fil-qafas tal-Grupp tal-Euro fil-format inklużiv tiegħu.

8. Wara d-diskussjonijiet taħt il-Presidenza Rumena, is-servizzi tal-Kummissjoni ppreżentaw abbozz ta' mudell aġġornat għall-ġbir tad-data biex tappoġġa l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju taħt l-EDIS. L-abbozz ta' mudell fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa bbażat fuq il-ġbir tad-data mniedi fl-2017 taħt il-Presidenza Maltija bil-għan li tiġi definita metodoloġija biex jiġu kkalkulati l-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għall-EDIS. Huwa jieħu kont ukoll tal-indikaturi tar-riskju identifikati fil-linji gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) dwar metodi għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet għal skemi ta' garanzija tad-depożiti maħruġa f'Mejju 2015 ("indikaturi tar-riskju ewlenin") filwaqt li jżid xi kampijiet tad-data ġodda. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet laqgħu, fuq bażi preliminari, l-inizjattiva u l-kampijiet tad-data ġodda. Xi delegazzjonijiet kellhom mistoqsijiet dwar il-fattibbiltà tal-iskeda ta' żmien proposta u d-disponibbiltà ta' xi data, anki bil-ħsieb tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli possibbli. Il-Kummissjoni dalwaqt ser tniedi l-eżerċizzju ta' ġbir tad-data, filwaqt li tieħu kont tad-diskussjoni fl-AHWP u kummenti ulterjuri possibbli mill-Istati Membri fi proċedura bil-miktub. Il-Kummissjoni esprimiet ukoll ir-rieda tagħha li tinforma lill-Istati Membri dwar kwalunkwe progress ulterjuri li jsir fir-rigward ta' ġbir tad-data taħt il-Presidenza Kroata li jmiss.

9. Is-servizzi tal-Kummissjoni ppreżentaw is-sejbiet ewlenin tal-istudju li dalwaqt ser jiġi ppubblikat Għażliet u diskrezzjonijiet nazzjonali taħt id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti u t-trattament tagħhom fil-kuntest ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti ("Options and national discretions under the Deposit Guarantee Scheme Directive and their treatment in the context of a European Deposit Insurance Scheme") imħejji għall-Kummissjoni minn konsulenti kuntrattati. Minkejja li l-istudju b'mod ġenerali ġie milqugħ tajjeb u nstab utli biex jipprovdi aktar informazzjoni dwar l-interazzjoni bejn il-leġislazzjoni sostantiva dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti u l-proposta tal-EDIS, ġie espress xi tħassib inizjali rigward ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika li jinsabu fl-istudju. Il-Kummissjoni ddikjarat li ladarba jiġi ppubblikat l-istudju, ser ikun hemm aktar opportunitajiet għal diskussjonijiet dettaljati mar-rappreżentanti tal-Istati Membri dwar is-sustanza tiegħu.

III. IMPLIMENTAZZJONI TAL-"PAKKETT BANKARJU"

10. Fit-23 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett leġislattiv (il-"Pakkett Bankarju") li kien jinkludi proposti għal żewġ regolamenti u tliet direttivi relatati ma':

- rekwiżiti prudenzjali għall-banek (l-emendi għar-Regolament (UE) 575/2013 — ir-"Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital" (CRR) u d-Direttiva 2013/36/UE — id-"Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital" (CRD));
- l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek (l-emendi għad-Direttiva 2014/59/UE — id-"Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek" (BRRD), inklużi f'żewġ direttivi differenti, u r-Regolament (UE) 806/2014 — ir-"Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni" (SRMR)).

11. Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw emendi għar-regolamenti u d-direttivi msemmija hawn fuq. L-emendi ġew adottati f'żewġ stadji — f'Diċembru 2017 u f'Mejju 2019. L-atti leġislattivi adottati f'Mejju 2019 daħlu fis-seħħ fis-27 ta' Ġunju 2019. Hemm diversi dati ta' applikazzjoni u regoli tranżizzjonali, u ż-żewġ direttivi jeħtieġ li jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali. Filwaqt li xi regoli bdew japplikaw immedjatament, il-biċċa l-kbira tagħhom ser japplikaw minn nofs l-2021, u xi wħud għandhom skeda tranżizzjonali li testendi sal-2024.

12. Il-Pakkett Bankarju jimplimenta għadd ta' elementi maqbula mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) sa Novembru 2016, jiġifieri l-proporzjon ta' ingranaġġ, il-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett (NSFR), il-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) għal istituzzjonijiet globali sistematikament importanti, regoli riveduti dwar skoperturi kbar, riskju tal-kreditu tal-kontroparti u parteċipazzjonijiet fil-kapital f'fondi, rekwiżiti ta' divulgazzjoni riveduti kif ukoll qafas ġdid ta' rappurtar tar-riskju tas-suq, filwaqt li jistenna l-eżiti finali tal-ħidma tal-Kumitat ta' Basel fuq ċerti rekwiżiti kapitali.

13. Il-Pakkett Bankarju inkluda wkoll għadd ta' skontijiet mill-istandards prudenzjali maqbula internazzjonalment, bħal inċentivi fil-qafas tar-riskju ta' kreditu għal investimenti fl-infrastruttura pubblika u l-SMEs jew il-faċilitazzjoni tal-eliminazzjoni ta' self improduttiv. Huwa eskluda ċerti banek mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CRR u s-CRD. Ġew inklużi għadd ta' miżuri mmirati lejn it-tnaqqis tal-piż amministrattiv relatat mar-rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni għal banek mhux kumplessi żgħar, kif kienu wkoll regoli simplifikati dwar ir-remunerazzjoni, ir-riskju tal-kreditu tal-kontroparti u r-riskju ta' likwidità.

14. Barra minn hekk, il-Pakkett Bankarju emenda r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) eżistenti u l-oqfsa tal-Pilastru 2 u dawk makroprudenzjali. Ġie introdott rekwiżit għal istituzzjonijiet ta' pajjiżi terzi b'attivitajiet sinifikanti fl-UE biex ikollhom impriża prinċipali intermedja tal-UE, kif kienet ukoll għodda moratorja ġdida għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Fl-aħħar nett, saru ċerti emendi relatati mal-inkorporazzjoni ta' aspetti ambjentali, soċjali u ta' governanza kif ukoll miżuri kontra l-ħasil tal-flus fir-regoli prudenzjali.

15. L-EBA u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) aġġornaw lill-AHWP dwar l-implimentazzjoni tal-Pakkett Bankarju u kwistjonijiet topiċi oħra rigward il-maniġġar ta' kriżijiet u l-assigurazzjoni tad-depożiti. L-EBA ppreżentat il-monitoraġġ tagħha tal-MREL u tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni, il-mandati regolatorji mogħtija lilha fil-Pakkett Bankarju u r-reviżjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD). L-SRB ikkonċentra fuq l-ispeċifiċitajiet u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tat-testi leġislattivi l-ġodda fil-ħidma tiegħu u fuq l-aspettattivi tiegħu għall-banek. Id-delegazzjonijiet kellhom opportunità li jsaqsu l-mistoqsijiet lill-EBA u lill-SRB. Tpoġġiet enfasi partikolari fuq l-isfidi marbuta mat-transizzjoni mill-qafas oriġinali tal-BRRD/SRMR għall-qafas emendat tal-BRRD/SRMR, b'kont meħud tal-fatt li għadd ta' banek diġà għandhom fis-seħħ rekwiżiti MREL vinkolanti abbażi tal-qafas l-antik.

## IV. PJAN TA' AZZJONI BIEX JIĠI INDIRIZZAT IS-SELF IMPRODUTTIV FL-EWROPA

16. Il-Kunsill appella għal miżuri biex tiġi indirizzata l-problema ta' self improduttiv fl-UE fil-Pjan ta' Azzjoni tiegħu biex jiġi indirizzat is-self improduttiv (NPLs) fl-Ewropa ta' Lulju 2017. Fis-6 ta' Novembru 2019, is-servizzi tal-Kummissjoni taw aġġornament lill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji dwar il-progress li sar fuq aspetti tal-Pjan ta' Azzjoni. Il-Kummissjoni ser tagħti aġġornament ieħor fil-Kunsill Ecofin tal-5 ta' Diċembru, skont il-mandat tal-Pjan ta' Azzjoni. Filwaqt li l-għadd totali ta' NPLs kompla jonqos, l-ammont ta' NPLs f'xi Stati Membri għadu għoli.

17. F'Marzu 2018, il-Kummissjoni pproponiet pakkett ta' miżuri leġislattivi. Ir-Regolament li jemenda s-CRR fir-rigward tal-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi għal self oriġinat ġdid li jsir improduttiv (il-"proposta ta' garanzija ta' kontinġenza prudenzjali tal-NPLs") ġie adottat u daħal fis-seħħ f'April 2019; madankollu, il-ħidma fuq id-direttiva proposta għadha għaddejja. Hija nqasmet f'żewġ direttivi kemm mill-Kunsill, f'Marzu 2019, kif ukoll mill-Parlament Ewropew, f'Ottubru 2019. Il-Kunsill kellu mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew fir-rigward tad-Direttiva dwar Servizzjanti tal-Kreditu u Xerrejja tal-Kreditu minn Marzu 2019 [u rigward id-Direttiva dwar il-Mekkaniżmu ta' Eżekuzzjoni Extraġudizzjarju Aċċellerat tal-Kollateral minn Novembru 2019][1]. B'riżultat ta' dan, il-Kunsill qed jistenna li l-Parlament Ewropew jadotta pożizzjonijiet dwar iż-żewġ direttivi biex jibdew in-negozjati. Minbarra l-miżuri leġislattivi, l-EBA u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ħadu wkoll passi biex jindirizzaw is-self improduttiv, pereżempju, permezz ta' linji gwida u gwida.

## V. KONKLUŻJONI

18. Il-Presidenza tistieden lill-Kunsill biex jieħu nota ta' dan ir-rapport, bil-ħsieb li jsir aktar progress.

---

[1] Il-parentesi kwadri li għandhom jitneħħew soġġetti għall-approvazzjoni tal-mandat ta' negozjar mill-Coreper fis-27 ta' Novembru, bħala punt mhux għad-diskussjoni.